**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**

**-vs-**

**Vincent Frendo, detentur ta' karta ta' l-identità bin-numru 693360(M)**

*Każ Dwana Nru.: 1874/2024*

Illum**, 1 ta' Lulju 2024**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat Vincent Frendo u ċioè:

> F'isem il-Kontrollur tad-Dwana, talli fil-15 ta' Mejju 2003 u/jew f'xi data qabel instab li xjentement kellu fil-pussess u/jew taħt il-kontroll tiegħu kwantità ta' sigaretti u xorb alkoħoliku ta' diversi marki.
>
> L-importazzjoni ta' l-oġġetti hawn fuq imsemmija hija projbita u/jew ristretta. Dawn għandhom **valur totali ta' €6865.00 (LM2952.00,0) u Dazju tas-Sisa €4197.88 (LM1805.09,0), Taxxa Imposta (Levy) €11704 (LM50.33,0) u Taxxa fuq il-Valur Miżjud ( VAT ) €7443.51 (LM3200.71,0);** liema Dazju tas-Sisa, V.A.T u Imposta ma ġewx imħallsa u/jew kawtelati.
>
> Dan bi ksur ta' L-Artikli 60 (a) (b) (c) (k) , 62 (a) (b) (c) (f) (g) (h) (i) (k) u l-paragrafu (a) tal-Proviso ta' l-Artiklu 62 ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap 37 u l-Artikoli 16 1 (j) u 17 (a) ta' L- Att XVI ta' 1995 dwar Dazju tas-Sisa tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> U aktar, f'isem il-Kummissarju tal-VAT, talli fil-15 ta' Mejju 2003 u/jew f'xi data qabel instab li xjentement kellu fil-pussess u/jew taħt il-kontroll tiegħu kwantità ta' sigaretti u xorb alkoħoliku ta' diversi marki.

L-importazzjoni ta' l-oġġetti hawn fuq imsemmija hija projbita u/jew ristretta. Dawn għandhom valur totali ta' **valur totali ta' €6865.00 (LM2952.00,0) u Dazju tas-Sisa €4197.88 (LM1805.09,0), Taxxa imposta (Levy ) €11704 (LM50.33,0) u Taxxa fuq il-Valur Miżjud ( VAT ) €7443.51 (LM3200.71,0);** liema taxxa ma ġietx imħallsa u/jew kawtelati, u dan bi ksur ta' l-Artiklu 62-Kap 37 u Artikolu 80 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998).

Finalment il-Qorti hija mitluba sabiex, f'każ ta ħtija, terz tal-piena ta' flus, jitqies bħala Dejn Ċivili u għandu jiġi dikjarat fl-għoti tas-sentenza li hu dovut u li għandu jithallas lill-Gvern u għandu jiġi esegwit fl-istess Qorti li tagħti s-sentenza bl-istess mod bħallikieku ingħatat f'azzjoni ċivili magħmula bejn il-Gvern u l-ħati.

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fid-19 ta' Frar, 2024.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Fl-ewwel lok ġaladarba l-istqarrija tal-imputat ittieħdet mingħajr ma kien ingħata dritt li jikkonsulta mal-legali tiegħu w in lineja ma ġurisprudenza vasta fuq il-materja, din qed tiġi skartata kif l-istess il-Qorti mhux ser tikkunsidra dak li l-imputat setgħa iddikjara mal-Uffiċjal Investigattiv fil-kors tal-investigazzjonijiet li saru minnu.

**Martin Debattista** esebixxa *letter to prosecute* maħruġa mill-Kontrollur tad-Dwana.[1]

**Mario Abela**,[2] mill-uffiċju tal-valuations fi ħdan id-Dwana, ppreżenta stima tal-oġġetti maqbuda.[3]

[1] Verbal a fol.13. **Dok.MD1-MD3** a fol.23-25.
[2] Fol.14
[3] **Dok.MA** a fol.16

**Spettur Jeffrey Cilia** spjega kif wara li ġie mgħarraf li l-imputat, li kien joqgħod il-Mosta, kien fil-pussess ta' ammonti ta' xorb u xorb alkoħoliku bid-dazju mhux imħallas għamel tfittxija fil-garaxx mikri lill-imputat fi Triq Anġlu Mallia, B'Kara. Hemm instabu 14 il-kaxxa Gordon's Gin tal-litru, 20 kaxxa b'sitt fliexken f'kull kaxxa Sambuca Molinari, 28 kaxxa b' 6 fliexken f'kull kaxxa Averna tas-70cl, 15 il-kaxxa tas-s6 fliexken Vodka tal-litru, 22 flixkun tas-70cl JB Whisky, 39 flixkun tas-75cl, 14 il-flixkun Bacardi tas-75cl, 15 il-flixkun Johnny Walker tas-70cl, 12 il-flixkun Grappa tal-50cl u 60 kartuna Rothmans. Dawn l-oġġetti ġew fotografati[4] fuq il-post qabel ma ġew elevati w ittieħdu lid-Dwana.[5] Riċevuta tal-oġġetti maqbuda u mgħoddija lid-Dwana ġiet ukoll esibita.[6]

Ikkunsidrat,

Illi l-Uffiċjal prosekutur innifsu jixhed li mill-investigazzjoni irriżulta li l-garaxx fejn instabu l-oġġetti maqbuda ma kienx jappartjeni lill-imputat iżda kien biss mikri lilu, tant li hu kien jirrisjedi l-Mosta, kif anke jidher miċ-ċitazzjoni.

Jidher għalhekk li ġaladarba l-prosekuzzjoni serħet il-każ tagħha fuq l-ammissjoni tal-imputat fl-istqarrija, stqarrija li din il-Qorti obbligata tiskarta, jirriżulta lu l-istess prosekuzzjoni ma pproduċietx l-aħjar prova li torbot l-garaxx mal-imputat.

Għaldaqstant il-Qorti qed tillibera l-imputat minn kwalunkwe ħtija u piena.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**

---

[4] **Dok.JC2** a fol.13A
[5] Fol.17-18
[6] **Dok.JC3** a fol.22